MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 176/2010

**Practical Trading Company Limited**

**vs**

**Mark Pace**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-kundanna tal-intimat Mark Pace ghall-hlas tas-somma ta' hamest elef, disgha mija u disgha u sebghin Euro u erbghin centezmu ta' Euro, (€5,979.40), bilanc minn somma akbar, prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata flimkien ma' l-imghax mid-data tal-invoices sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1410 tas-sena 2010 kontrh minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrenti sabiex l-inimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment l-intimat naqas u ma deherx, la fl-1 ta' Frar tas-sena 2011 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lill-intimat Mark Pace sabiex ihallas is-somma ta' hamest elef, disgha mija u disgha u sebghin Euro u erbghin centezmu, (€5,979.40), lis-socjeta` rikorrenti Practical Trading Company Limited;**

**Bl-ispejjez kif dedotti kontra l-intimat Mark Pace.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------